# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 2 TA' APRIL, 2001

*Avviz. Nru 10/01 AJD*

TopCar Limited

vs

John Wayne Mallia

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Jannar, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u tletin liri Maltin (Lm35.00) ghal xoghol ta' 'panel beating' u 'spray painting' li sar mis-socjeta' attrici b'inkarigu tal-konvenut fuq il-vettura Numru GAM 235.
Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-12 ta' Lulju, 2000, kontra l-konvenut.

Ra n-nota prezentata mill-konvenut fis-seduta tal-11 ta' Marzu, 2001, fejn huwa ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u tletin lira Maltin (Lm35.00) bl-imghaxijiet mid-data tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR